Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 20 ta' April 2001.

Avviz Nru: 7/01

Antoine Vassallo f'ismu propju u esercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer

Vs

Joseph u Rose Helen Borg

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmenin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm580.88) import ta' tminn (8) kambjali, hawnhekk annessi u mmarkati Dok 1 sa Dok 8, minnhom accettati u ffirmati, li d-data ta' maturita' taghhom skadiet.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' hames liri Maltin (Lm5) ta' ittra interpellatorja kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjalijiet originali esebiti mill-attur, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' hames mija u tmenin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm580.88c) mitlubin fl-avviz import tal-kambjali esebiti.

Bl-imghaxijiet kummercjali  b'effett mil-31 t'Ottubru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg